

Brussell, 21 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13413/26
ADD 1

DELECT 150
DENLEG 92
FOOD 125
VETER 142
FEED 50

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6511 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/1644 fir-rigward ta' ċerti kriterji għall-għażla tal-kampjuni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6511 annex.

Mehmuż: C(2026) 6511 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2026
C(2026) 6511 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/1644 fir-rigward ta' ċerti kriterji
għall-għażla tal-kampjuni**

ANNEX

L-Annessi II u IV tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1644 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt A.1, fit-tabella, l-entrata għall-grupp ta' sustanzi A(3), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"A(3), il-punt (f)	X	X	X	X		X		X (**)"		
--------------------	---	---	---	---	--	---	--	---------	--	--

;

(b) fil-punt A.1, jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

— Għall-grupp A(2), il-kampjuni għandhom jittieħdu għall-gruppi ta' sustanzi kollha inklużi f'din il-kategorija (A(2)a, A(2)b, A(2)c, A(2)d).

— Għall-grupp A(3), il-punt (f), il-kampjuni għandhom jittieħdu għall-gruppi kollha ta' sustanzi inklużi f'din il-kategorija (sustanzi antiinfjammatorji, sedattivi u kwalunkwe sustanza farmakoloġikament attiva oħra).";

(c) jiżdied il-punt B.3 li ġej:

"3. Għall-għażla ta' kombinazzjonijiet speċifiċi ta' gruppi ta' sustanzi u gruppi ta' komoditajiet, għandhom jitqiesu l-kombinazzjonijiet fit-tabella dwar is-sustanzi tal-Grupp B fl-Anness IV.";

(2) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) fil-parti dwar is-sustanzi tal-Grupp B, fit-tabella, l-entrata għall-grupp ta' sustanzi B1d hija sostitwita b'dan li ġej:

"B1d	X	X	X	X		X		X (*)	
------	---	---	---	---	--	---	--	-------	--

(*) Mhux rilevanti għall-insetti.";

(b) fil-parti dwar is-sustanzi tal-Grupp B, jiżdied paragrafu ġdid wara t-tabella:

"Għall-Grupp B(1), il-punt (d), il-kampjuni għandhom jittieħdu għall-gruppi kollha ta' sustanzi inklużi f'din il-kategorija (mediċini antiinfjammatorji mhux sterojdali (NSAIDs), kortikosteroidi u glukokortikoidi).".